Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the offices of WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera on any working day between 9.00 a.m. and noon.

7th September, 2004

KUNSILL MALTI GĦALL-I*SPORT*

Il-Kunsill Malti għall-I*sport* sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Settembru, 2004 jilqa' offerti, għal:

Provvista ta' żerriegħa tat-*turf*.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill Malti għall-I*sport,* Kumpless Sportiv Kottonera matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Għandu jsir ħlas ta' Lm10 meta jinġabru d-dokumenti.

Is-7 ta' Settembru, 2004

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives tenders up to 10.00 a.m. on Friday, 17th September, 2004, for:

Supply of turf seed.

Tender document and conditions can be collected from the office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex during office hours.

A fee of Lm10 has to be paid upon collection of documents.

7th September, 2004

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Settembru, 2004, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS-49-04. Provvista u stallazzjoni ta' diviżorji ta' l-aluminju għat-*toilet* b'*laminate infill timber panel* f'diversi Skejjel Primarji u Sekondarji, Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 fuq ġbir tad-dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinksibu mill-uffiċċ ji tal-Fondazzjoni, it-2 Sular, Nru. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. Nru. 21 340 434, Fax Nru. 21 336487) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni f'Ta' Xbiex.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali) kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa wara l-10.00 a.m.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċ jali fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, kif jidher fil-klawsola ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward dawk kollha li jagħmlu l-offerta għandhom, għalhekk, jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Settembru, 2004

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools, notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 14th September, 2004, for:-

Advt. No. FTS-49-04. Supply and installation of aluminium toilet partitions with laminate infill timber panel in various Primary and Secondary Schools, Malta.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (2nd Floor, No. 53, Mediterranean Buildings, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, (Tel. No. 21 340 434, Fax No. 21 336487), on working days between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at Ta' Xbiex.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2003, the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders) every Tuesday and Friday after 10.00 a.m.

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days, as per the above mentioned clause, in this regard all tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

7th September, 2004

KUNSILL LOKALI FGURA

Il-Kunsill Lokali Fgura jgħarraf illi:-

Sas-1.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru, 2004, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. PAV-04. Xogħlijiet ta' pavimentar.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinxtraw mill-uffiċċju tal-Kunsill għal ħlas ta' Lm20 waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Settembru, 2004

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 1.00 p.m. of Friday, 1st October, 2004, for:-

Advt. No. PAV-04. Paving works.

Tender documents can be purchased from the Council's office during office hours for the price of Lm20.

7th September, 2004

KUNSILL LOKALI LIJA

Il-Kunsill Lokali Lija jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Settembru, 2004, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Kostruzzjoni ta' bankini ġodda u kisi/kisi mill-ġdid ta' toroq ġodda/eżistenti.

Kopji tad-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar fuq ħlas ta' Lm25 għal kull dokument.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fil-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsilljirriserva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe offerta saħansitra l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Settembru, 2004

LIJA LOCAL COUNCIL

The Lija Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Wednesday, 22nd September, 2004, for:-

Construction of new pavements and surfacing/resurfacing of new/existing roads.

Tender documents may be obtained from the Local Council's office on any working day between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm25 for each document.

Tenders will be publicly opened at closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender even the most advantageous one.

7th September, 2004

KUNSILL LOKALI MARSASCALA

Il-Kunsill Lokali Marsascala jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru, 2004, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. KLM 2004/04. Knis ta' toroq u qtugħ ta' ħaxix fit-toroq urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. KLM 2004/05. Manutenzjoni u xogħlijiet fit-toroq.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. KLM 2004/06. Qtugħ ta' ħaxix f'toroq mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fid-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Formoli ta' l-offerti, pjanti u speċifikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċji tal-Kunsill, 228, Triq is-Salini, Marsascala.

MARSASCALA LOCAL COUNCIL

The Marsascala Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 24th September, 2004, for:-

Advt. No. KLM 2004/04. Street sweeping and grass cutting in urban roads.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. KLM 2004/05. Road maintenance and works.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. KLM 2004/06. Grass cutting in non urban roads.

A fee of Lm5 is to be paid for each copy of tender document.

Tenders will be opened in public at the closing date and time.

Tender forms, plans and specifications can be obtained from the Council's Offices, 228, Triq is-Salini, Marsascala.

L-offerti kollha għandhom jiġu akkumpanjati b'*bid-bond* ekwivalenti ta' 5% tal-valur ta' l-offerta annwali.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Settembru, 2004

All tenders must be accompanied by a bid-bond equivalent to 5% of the tender yearly value.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous offer.

7th September, 2004

KUNSILL LOKALI MSIDA

Il-Kunsill Lokali Msida jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-1 ta' Ottubru 2004, jintlaqgħu offerti magħluqin għas-servizzi li ġejjin:-

Avviż Nru. T06/04. Servizz ta' *Contract Manager*.

Avviż Nru. T07/04. Manutenzjoni ta' *soft areas* u ġonna pubbliċi.

L-ispeċifikazzjonijiet relattivi u kopji tad-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, (Joanna Mifsud, Segretarja Eżekuttiva), 16A, Triq il-Knisja, l-Imsida, għall-ħlas ta' Lm25 kull offerta.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku minnufih fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Settembru, 2004

MSIDA LOCAL COUNCIL

The Msida Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 1st October, 2004, for the following services:-

Advt. No. T06/04. Service of a Contract Manager.

Advt. No. T07/04. Maintenance of soft areas, parks and gardens.

The relative specifications and copies of tender documents may be withdrawn from the Council's Administrative Office, (Joanna Mifsud, Executive Secretary), 16A, Triq il-Knisja, Msida, at a fee of Lm25 for each tender.

Tenders will be opened in public immediately after the closing time and date.

The Msida Local Council is not bound to accept the lowest tender received.

7th September, 2004

KUNSILL LOKALI SANNAT

Il-Kunsill Lokali Sannat jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-20 ta' Settembru, 2004, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċju tal-Kunsill, għal:-

Avviż Nru. 03/2004. Servizz ta' *open skips*.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill, Triq ta' Sannat, Ta' Sannat VCT 112, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju għal ħlas ta' Lm10 għal kull dokument.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku eżattament fil-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-7 ta' Settembru, 2004

SANNAT LOCAL COUNCIL

The Sannat Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Council's Office up to noon of Monday, 20th September, 2004, for:-

Advt. No. 03/2004. Service of open skips.

Tender documents may be collected from the Council's Office, Triq Sannat, Sannat VCT 112, during office hours against a payment of Lm10 for each document.

Tenders will be opened in public on the time and closing date.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous.

7th September, 2004

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1245

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), fil-11 ta' Awissu 2004, minn Marion Gatt u ohrajn numru 504/2004, fejn talbu li tiġi iddikjarata miftuħa favur l-istess Marion Gatt, John, Diana Toledo, Astrid Xuereb u Alexandra Zarb Mizzi, aħwa Mattei, ulied il-mejjet Salvino Mattei u dan fi kwota ta' parti waħda minn għaxra (1/10) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; u favur Blanche Refalo, Cecilia Camilleri u Patricia Mercieca, aħwa Smith, ulied il-mejta Yolanda Smith, u dan fi kwota ta' sesta parti (1/6) indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Francis Mattei, ġuvni, iben il-mejtin Giovanni Mattista Mattei u Adelina neè Borg Olivier, imwieled San Ġiljan u miet Pietà fl-4 ta' Dicembru, 1983, ta' 74, sena bla testament.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), on the 11th August 2004, by Marion Gatt and others number 504/2004, whereby they asked that there be declared open in favour of the same Marion Gatt, John, Diana Toledo, Astrid Xuereb and Alexandra Zarb Mizzi, sisters and brother Mattei, children of the late Salvino Mattei and this in the quota of one-tenth (1/10) undivided share in favour of each one of them; and in favour of Blanche Refalo, Cecilia Camilleri and Patricia Mercieca, sisters Smith, children of the late Yolanda Smith and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided share in favour of each one of them, the SUCCESSION of Francis Mattei, bachelor, son of the late Giovanni Battista Mattei and Adelina neè Borg Olivier, born in Saint Julian's and died in Pietà on the 4th December 1983, intestate, aged 74.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 1 ta' Settembru 2004.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 1st September 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1246

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju 2004 fuq rikors ta' Carmelo Degabriele numru 360/2004, Maria Dolores Degabriele, armla minn Joseph Mary Degabriele, bint il-mejtin George Vella u Carmela neè Farrugia, imwielda l-Mellieħa u rikoverata fid-Dar ta' l-Anzjani, Marina Palace, l-Imsida, bil-karta ta' l-identità numru 560109(M) ġiet inabilitata.

It is hereby notified that by means of a decree of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 22nd June 2004, following an application of Carmelo Degabriele number 360/2004, Maria Dolores Degabriele, widow of Joseph Mary Degabriele, daughter of the late George Vella and Carmela neè Farrugia, born in Mellieħa and residing at the Old People's Home, Marina Palace, Msida, having identity card number 560109(M) was incapacitated.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 1 ta' Settembru 2004.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 1st September 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1247

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Awissu 2004, fuq rikors ta' Emmanuela Briffa, numru 294/2004, Angela Azzopardi, xebba, bint il-mejtin Joseph Azzopardi u Madalena Azzopardi neè Cassar, imwielda u toqgħod Birkirkara, bil-karta ta' l-identità numru 184410(M) ġiet inabilitata.

It is hereby notified that by means of a decree of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) given on the 19th August 2004, following an application of Emmanuela Briffa, number 294/2004, Angela Azzopardi, unmarried, daughter of the late Joseph Azzopardi and Maddalena Azzopardi neè Cassar, born and residing in Birkirkara, having identity card number 184410(M) was incapacitated.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, illum 1 ta' Settembru 2004.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section today 1st September 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1248

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju 2004, fil-kawża Ċitazzjoni Numru 1339/89 P.L. Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Fenech a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Marzu 2004, Ċitazzjoni Numru 1339/89 TM, Prokuratur Legali Joseph Zammit għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Joseph Fenech, Joseph Zarb u Alfred Sciberras, mill-konvenut Alfred Sciberras ir-rikorrenti espona;

Illi permezz ta' Ċitazzjoni preżentata fid-19 ta' Settembru 1989, l-attur nomine appellat ippremetta li huwa jinsab kreditur tal-konvenut Joseph Fenech fis-somma ta' Lm15,975.66 bilanċ għad-debitu fil-kont kurrenti tiegħu mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Marzu 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament; li l-konvenut Joseph Fenech ġie interpellat uffiċjalment biex iħallas id-dejn tiegħu versu l-attur nomine b'ittra uffiċjali ta' l-24 ta' Awissu 1989 iżda dan baqa' inadempjenti,

.....Omissis .....

li bi skrittura privata oħra tat-12 ta' Lulju 1988, il-konvenut appellant Alfred Sciberras iggarantixxa in solidum ma' Joseph Fenech a favur Bank of Valletta Limited id-debiti ta' l-istess Joseph Fenech ma' l-istess Bank limitatament għas-somma ta' Lm5,000 flimkien ma' l-imgħaxijiet fuq dan l-ammont dekorribbli minn sitt xhur qabel it-talba għall-ħlas; li l-esponent ġie interpellat b'ittra uffiċjali ta' l-24 ta' Awissu 1989 biex iħallas is-somma ta' Lm5,200 flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-imsemmija ittra uffiċjali sad-data ta' l-effettiv pagament iżda dan baqa' inadempjenti u għalhekk l-attur appellat talab lill-Ewwel Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut Joseph Fenech iħallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm15,975.66 bilanċ għad-debitu fil-kont kurrenti tiegħu mal-Bank of Valletta flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mid-19 ta' Marzu 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament;

2. tikkundanna lill-konvenut Joseph Zarb in solidum ma' Joseph Fenech iħallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm10,400 ammont minnu garantit flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Awissu 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. tikkundanna lill-konvenut appellat Alfred Sciberras sabiex in solidum ma' Joseph Fenech iħallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm5,200 ammont minnu ggarantit flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Awissu 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament u dan bl-ispejjeż;

.....Omissis .....

Illi b'sentenza ta' l-4 ta' Marzu 2004, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet mill-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-esponent u laqgħet it-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni u

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 15th July 2004, in the cause Writ of Summons Number 1339/89 L.P. Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et, ordered the following publication in order that the respondent Joseph Fenech be notified in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal on the 22nd March 2004, Writ of Summons Number 1339/89 TM, Legal Procurator Joseph Zammit in the name and in representation of Bank of Valletta Limited vs Joseph Fenech, Joseph Zarb and Alfred Sciberras, by the defendant Alfred Sciberras the applicant pleaded;

That by means of a Writ of Summons filed on the 19th September 1989, the plaintiff nomine premised that he is a creditor of the defendant Joseph Fenech in the sum of Lm15,975.66 balance of debt in his current account with the Bank of Valletta Limited together with further interests from the 19th March 1989 till the date of effective payment; that the defendant Joseph Fenech was officially called upon to pay his debt towards the plaintiff nomine by a judicial letter of the 24th August 1989 but he failed to do so;

.....Omissis .....

that by means of a private writing of the 12th July 1988, the defendant appellant Alfred Sciberras guaranteed in solidum with Joseph Fenech in favour of the Bank of Valletta Limited the debts of the same Joseph Fenech with the same Bank limitedly up to the sum of Lm5,000 together with interests on this amount to run from six months before the demand for payment; that the appellant was called upon by a judicial letter of the 24th August 1989 to pay the sum of Lm5,200 together with further interests from the date of the said judicial letter till the date of effective payment but he failed to do so and thus the respondent plaintiff asked the Court of First Instance:

1. to condemn the defendant Joseph Fenech to pay the plaintiff nomine the sum of Lm15,975.66 balance of debt in his current account with the Bank of Valletta together with further interests from the 19th March 1989 till the date of effective payment;

2. to condemn the defendant Joseph Zarb in solidum with Joseph Fenech to pay the plaintiff nomine the sum of Lm10,400 amount guaranteed by him together with further interests from the 24th August 1989 till the date of effective payment;

3. to condemn the respondent defendant Alfred Sciberras so that in solidum with Joseph Fenech he pays the plaintiff nomine the sum of Lm5,200 amount guaranteed by him together with further interests from the 24th August 1989 till the date of effective payment and this with costs;

.....Omissis .....

That in virtue of a judgement of the 4th March 2004, the Honourable First Hall Civil Court decided the case by rejecting all the pleas raised by the appellant and upheld all the demands of the plaintiff company as brought forward in the writ of

ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti Joseph Zarb u Alfred Sciberras in solidum bejniethom ħlief għall-ispejjeż in konnessjoni mar-rapport tekniku li għandhom jitħallas mill-esponent;

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u għalhekk qiegħed jinterponi appell mill-istess bis-saħħa tar-rikors odjern għal quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fil-fatt li l-Ewwel Qorti - apparti li tat interpretazzjoni bil-wisq restrittiva u illoġika għal klawsola ta' liġi li kienet saret appositament sabiex tipproteġi bis-serjetà l-pożizzjoni ta' mara miżżewġa fejn si tratta l-ġid matrimonjali li jagħmel parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti skarta totalment provi u riżultanżi li wrew biċ-ċar fuq bilanċ ta' probabilitajiet li l-uffiċjali tal-Bank of Valletta, b'mod partikolari x-xhud Alfred Caruana, mhux talli ma mxewx korrettement ma' l-appellant, iżda waslu biex qarrqu bih f'attentat biex jippruvaw iġħattu n-negliġenza u n-nuqqas ta' professjonalità tagħhom li wasslu lill-appellant jikkonsentixxi fuq informazzjoni u impressjoni żbaljata u għalhekk kien viżjat

.....Omissis .....

1. Illi fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti ttrattat l-ewwel il-kwistjoni ta' l-eċċezzjoni ulterjuri, li hi waħda ta' natura legali u kkonkludiet li l-artikolu 1318(1) tal-Kodiċi Ċivili, li kien beda japplika bl-emendi ta' l-1973, m'għandux jingħata interpretazzjoni wiesa' iżda waħda restrittiva u kkwotat diversi sentenzi biex tillustra l-konklużjoni tagħha u qalet biss li taqbel ma' l-insenjament ta' l-imsemmija sentenzi.

Illi l-Ewwel Qorti, bir-rispett kollu, għamlet ftit li xejn biex tittratta fil-fond dwar l-iskop ta' l-emenda li kienet saret fl-1973 appuntu biex tiġi protetta s-sitwazzjoni ta' nisa miżżewġa fil-konfront ta' abbużi li setgħu jitwettqu mill-irġiel tagħhom fejn si tratta proprjetà li tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Bl-argument tagħha, l-Ewwel Qorti donnha tat x'tifhem li l-artikolu 1318(1) għandu jingħata interpretazzjoni stretta ħafna u litterali għaliex hekk ġie interpretat minn Qrati oħra presjeduti minn Imħallfin oħrajn u dan minkejja l-fatt li din l-interpretazzjoni ċertament la tista' titqies bħala domma u lanqas hi waħda loġika fil-konfront ta' emenda fil-liġi li kienet saret apposta biex tipproteġi l-assi konjugali fl-interess tal-mara miżżewġa.

.....Omissis .....

Illi inoltre għandu jingħad li l-imsemmi artikolu 1318(1) (qabel ma ġie emendat) kien jagħmel riferenza speċifika għal dak li raġel miżżewweġ ma setax jagħmel mingħajr il-kunsens ta' martu. L-imsemmi artikolu kien jgħid biss li r-raġel kellu d-dritt jamministra l-komunjoni ta' l-akkwisti jiġifieri atti ta' amministrazzjoni ordinarja li ċertament ma setax jinkludi azzjonijiet li potenzjalment setgħu jipperikolaw sehem il-mara fil-ġid li fih kellha sehem ta' nofs indiviż.

.....Omissis .....

2. Illi in kwantu għall-kwistjoni dwar il-vizzju tal-kunsens, l-Ewwel Qorti fis-sustanza jidher li straħet fuq l-argument li ġaladarba l-appellant 'għażel li jiffirma, hu marbut bil-

summons and ordered that all the costs of the cause are to be paid by the defendants Joseph Zarb and Alfred Sciberras in solidum between them except for the costs related to the technical report which are to be paid by the appellant;

That the appellant felt aggrieved by this judgement of the Court of First Instance and is thus filing an appeal from the same by means of the present application before this Honourable Court.

That the grievances are clear and manifest and consist in the fact that the Court of First Instance apart from giving a very restrictive and illogical interpretation to the clause of the law which had been made on purpose to seriously protect the position of the married wife where it relates to the assets of the community of acquests – it avoided completely proves and issues, which clearly showed on a balance of probabilities that the officials of the Bank of Valletta, in particular the witness Alfred Caruana, not only did they treat him badly, but deceived him in an attempt to hide their negligence and lack of professionality which led the appellant to give his consent on information and a wrong impression and thus it was vitiated,

.....Omissis .....

1. That in its judgement, the Court of First Instance first dealt with the question of further pleas, which are of a legal nature and concluded that the article 1318(1) of the Civil Code, which had started to apply in virtue of the amendments of 1973, should not be given a wide interpretation but a restrictive one and quoted various judgements to demonstrate its conclusion and stated only that it agreed with the doctrine of the said judgements.

That the Court of First Instance, with all respect, did very little to deal with the purpose of the amendment which had been made in 1973 in order to protect the situation of married women as regards abuses which could have been carried out by their husbands where it relates to property forming party of the community of acquests. By its argument, the Court of First Instance seemed to give the impression that article 1318(1) is to be given a restrictive and literal interpretation, because it had so been interpreted by other Courts presided by other Judges and despite of the fact that this interpretation cannot be considered as a Creed and is not a logical one, as regards an amendment in the law which had been made on purpose to protect the assets of the community of acquests, in the interest of the married wife.

.....Omissis .....

That furthermore it must be stated that the said article 1318(1) (before it was amended) made specific reference to that, which a married man, could not carry out without the consent of his wife. The said article stated, only, that the husband had the right to administer the community of acquests - that is acts of ordinary administration which certainly do not include actions which can potentially endanger the wife share of which she had one-half undivided share.

.....Omissis .....

2. That as for the question of vice of consent, the Court of First Instance in substance appeared to have relied on the argument that once the appellant 'chose to sign, he is bound by

kontenut tiegħu u dan in kwantu għall-firem li l-appellant suppost iffirma fuq id-dokument intestat bil-kelma 'garanzija'.

.....Omissis .....

3. Illi in kwantu għad-dokument intestat bil-kelma 'garanzija' kopja fotostatika ta' liema dokument tinsab esebita fil-proċess wara li d-dokument oriġinali ġie nieqes misterjożament fil-mori tal-kawża - l-esponentjiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għal tliet fatti importanti;

a) filwaqt li l-attur appellat jallega li l-'garanzija' saret sabiex l-esponent jiggarantixxi d-debiti favur il-Bank tal-konvenut l-ieħor Joseph Fenech, minn eżami akkurat ta' l-imsemmi dokument jirriżulta li l-persuna indikata bħala 'Joseph Fenech' mhix identifikata bil-partikolaritajiet tagħha (bħala m'huma l-paternità, maternità, post tat-twelid u numru tal-karta ta' l-identità) oltre li ma ġiet prodotta ebda prova li l-persuna indikata bħala 'Joseph Fenech' fid-dokument imsemmi effettivament hija l-istess persuna konvenuta li baqgħet kontumaċi fil-kawża odjerna;

b) fil-parti ta' isfel tat-tieni paġna ta' l-imsemmi dokument tidher firma li suppost saret minn terza persuna bħala xhud tal-firma ta' l-esponent; l-attur appellat ma pproduċa ebda prova dwar min effettivament suppost għamel l-imsemmija firma bħala xhud;

ċ) fl-istess paġna n-numru tal-karta ta' l-identità miktub bil-linka mhuwiex dak ta' l-appellant.

4. Illi dwar il-kwistjoni tar-rapport ta' l-espert kalligrafu, l-Ewwel Qorti qalet li dan m'għandux jiġi skartat stante li ma ngħibux argumenti validi mill-appellant. L-esponent f'dan il-kuntest jaċċenna għall-fatt li;

(a) il-kampjuni tal-firem li suppost għamel l-esponent ma nkitbux fil-presenza ta' l-espert kalligrafu li rrediega r-rapport;

(b) l-analiżi ta' l-espert saret fuq dokument li allegatament huwa kopja ta' l-oriġinal; tnejn mill-firem setgħu faċilment ġew photocopied għal fuq id-dokument;

(ċ) galadarba li fit-tielet paragrafu ta' paġna 2 tar-rapport l-espert iddikjara li ma kenitx idea tajba li l-appellant għamel il-kampjuni tal-firma fuq karti illineati 'għaliex il-linji jikkundizzjonaw lil min jikteb bejniethom biex iżomm parallel magħhom' għaliex ma esiġiex li l-kampjuni jerġgħu jsiru mill-ġdid fuq karti mingħajr linji biex ikun jista' jasal għal konkluzjoni aktar oġġettiva?

5. Illi in kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, l-appellant jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-fatt li filwaqt li l-ewwel Qorti sorprendentement akkollat l-ispejjeż kollha esklussivament fuq l-appellant u fuq il-konvenut l-ieħor li kkontesta t-talbiet tas-soċjetà attriċi l-persuna li jista' jingħad li kien il-kaġun prinċipali tad-dizgwid kollu li nqala' - u cioè l-konvenut Joseph Fenech (li baqa' wkoll kontumaċi) litteralment għaddieha lixxa f'dan ir-rigward u dan minkejja l-fatt li kellu sehem prinċipali fl-ingann li tiegħu l-appellant kien il-vittma.

Għaldaqstant l-esponent filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi prodotti kif ukoll għall-atti kollha tal-kawża partikolarment

its contents' and this as regards the signatures which the appellant is supposed to sign on the document designated as the 'guarantee'.

.....Omissis .....

3. That as for the document designated as 'guarantee' a photocopy of which document is exhibited in the process after the original document had mysteriously disappeared during the proceedings - the appellant draws the attention of this Honourable Court to three important facts;

a) whilst the respondent plaintiff alleged that the 'guarantee' was made in order that the appellant guarantees the debts of the other defendant Joseph Fenech, in favour of the Bank from an acute analysis of the said document it results that the person indicated as 'Joseph Fenech' is not identified with his particulars (such as the paternity, maternity birth place and identity card number) and no proof was brought forward that the person indicated as 'Joseph Fenech' in the document mentioned is effectively the same defendant person which remained in default in the present cause;

b) in the lower part of the second page of the said document there appears a signature which is supposed to have been made by a third person as witness of signature of the appellant; the respondent plaintiff did not produce any proof as to whom effectively made the said signature as a witness;

c) in the same page the identity card number written in ink does not belonging to the appellant.

4. That as regards the question of the report of the handwriting expert, the Court of First Instance stated that this should not be avoided as valid arguments were not brought forward by the appellant. The appellant in this context points out to the fact that;

(a) the specimen signatures which are supposed to have been made by the appellant were not written out in the presence of the handwriting expert which drew up the report;

(b) the analysis of the expert was made on a document which is allegedly a copy of the original; two of the signatures could have easily been photocopied on to the document;

(c) once in the third paragraph of page 2 of the report the expert declared that it was not a good idea that the appellant wrote the specimen signatures on lined papers 'because the lines compel the person writing out in between them to keep parallel with them' why did he not demand that the specimens, be made anew on papers without any lines, so that he might arrive at a more objective conclusion?

5. That as for the expenses the appellant draws the attention of this Honourable Court, to the fact that whilst the Court of First Instance, surprisingly charged all the costs on to the appellant and the other defendant that contested the demands of the plaintiff company, the person who was principally responsible for all this conflict and that is the defendant Joseph Fenech (who also remained in default) literally went on free and this despite of the fact, that he had a major role in the deceit of which the appellant was a victim.

Thus the appellant whilst referring to the proof produced as well as to all the records of the cause particularly to his

għan-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija in kwantu tirreferi għall-appellant billi tilqa' l-eċċ ezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

Notifika lil: 1) Joseph Fenech - Alexander Flats Nru 5
Sacred Heart Avenue,
San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Ċivili, (Appelli Superjuri) illum 3 ta' Settembru 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

note of observations, he humbly asks that this Honourable Court revokes the judgement appealed above mentioned, as it refers to the appellant, by upholding his pleas and rejects the plaintiff's demands brought against him, with costs of both instances against the respondent.

Notify; 1) Joseph Fenech - Alexander Flats No 5
Sacred Heart Avenue,
St. Julians.

Registry of the Civil Courts, (Superior Appeals) today 3rd September 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1249

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet ta' l-10 ta' Awissu 2004 ordnat il-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid ta' Sharona Sultana li jġib in-numru 1628 tas-sena 2004 fis-sens illi fil-kolonna Intestata 'Isem jew Ismijiet illi bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', l-isem 'Sharonia' jiġi kkanċellat u jiġi sostitwit bl-isem 'Sharona'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, 30 ta' Awissu, 2004.

JOSEPH A. BORG
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 10th August, 2004, ordered the correction of the Act of birth of Sharona Sultana bearing number 1628 of the year 2004 in the sense that in the columns titled 'Names given' or 'name or names by which the child is to be called' the name 'Sharonia' be cancelled and substituted by the name 'Sharona' wherever it occurs.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
This, 30th August, 2004

JOSEPH A. BORG
for Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

1250

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal-Talbiet iż-Żgħar tat-18 ta' Ġunju, 2004 ġiet ordnata l-publikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Korporazzjoni Enemalta ta' Church Wharf, Marsa ppreżentaw talba fit-12 ta' Jannar 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut Daniel Reid ta' 73, Triq Santa Skolastika, Birgu, biex iħallas lill-korporazzjoni attriċi s-somma ta' erbgħa mija u disgħa liri Maltin u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm409.88) rappreżentanti danni minnu kaġunati f'arblu tad-dawl propjetà tal-korporazzjoni attriċi nhar is-17 ta' Novembru 2004 fi Triq Kordin, Raħal Ġdid.

Bl-ispejjeż u interessi kif mitluba fit-Talba.

Il-kawża (Talba Numru 39/04 AJD) hija differita għas-smigħ għas-17 ta' Settembru 2004, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum it-2 ta' Settembru, 2004.

JOHN MUSCAT, B.A. (CRIM)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 18th June, 2004, the publication of the exctract which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chap 12).

Enemalta Corporation, Church Wharf, Marsa filed a Claim on the 12th January 2004, wherein they asked the Tribunal to condemn Etienne Reid, 73, St. Skolastika Street, Vittoriosa, to pay the plaintiff corporation the sum of four hundred and nine Maltese liri and eighty eight cents (Lm409.88) representing damages caused by him in an electricity pole belonging to the plaintiff corporation on the 17th November 2004 in Corradino Street, Paola.

With costs and interests as demanded in the Claim.

The case (Claim Number 39/04 AJD) has been adjourned for the sitting of the 17th September, 2004, at 12.30 p.m.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 2nd September, 2004.

JOHN MUSCAT, B.A. (CRIM)
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*